MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 236/2003

**Island Resorts Co. Ltd.**

**vs**

**Blue Med Travel Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija vera, certa u likwida debitrici a favur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tnax-il elf u hames mitt lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm12,500.81) rapprezentanti valur ta' diversi servizzi ta' akkommodazzjoni fil-lukanda ta' l-atturi rezi lill-klijenti tal-konvenuti kif jirrizulta mill-kont anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. "A";

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-artikoli 167 – 170 Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba

ghall-hlas ta’ l-istess dejn u dan anke in vista ta’ l-affidavit ta’ l-atturi anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. “B”;

Illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata inutilment biex thallas dan l-ammont inkluz permezz ta’ ittra legali datata 4 ta’ Frar, 2003;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikoli 167 – 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ Lm12,500.81 favur is-socjeta` attrici rapprezentanti l-valur ta’ diversi servizzi rezi kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju datat 21 ta’ Frar 2003 u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data ta’ l-imsemmi mandat fuq indikat sal-pagament effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota ta’ l-attrici li biha naqqset it-talba ghal Lm7,577;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif imnaqqsa;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba kif imnaqqsa tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif imnaqqsa, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------